MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru 71/2004

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Keith Pace, iben Lawrence, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ lulju, 1980

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-31 ta’ diċembru, 2003 u/jew fil-ġranet ta’ wara din id-data kkometta serq ta’ kwantita’ ta’ kotba minn maħżen li huwa sitwat fi Triq ir-Ross, Marsa għad-dannu tad-diriġenti ta’ l-Allied Newspapers Ltd., liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000);
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu tad-

diriġenti ta’ l-Allied Newspapers Ltd., liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tisskorriex il-ħamsin lira maltin (Lm50);
3. talli fit-30 ta’ ottubru, 2003 u/jew fil-ġranet ta’ qabel din id-data kkometta serq ta’ kwantita’ ta’ speakers tal-marka ‘Aciko-ASP 500’ mill-ħanut bl-isem ‘J. Mifsud & Sons’ sitwat fi Triq il-Kbira, Ħamrun għad-dannu ta’ Joseph Mifsud mill-Ħamrun, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ l-istess Joseph Mifsud, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tisskorriex il-ħamsin lira maltin (Lm50);
5. talli fit-28 ta’ jannar, 2004 u/jew fil-ġranet ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
6. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ marzu, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ), 263, 267, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali; u
d. fl-artikoli 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ mejju, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti nkluż is-‘social enquiry report’

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' mejju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' riċettazzjoni dwar il-każ tal-'Allied Newspapers' u l-akkuża ta' serq dwar il-każ ta' 'J. Mifsud & Sons'.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli fl-artikoli 261(b)(ċ), 263, 267, 278, 279, 325, 334, 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi llum, l-imputat għandu xogħol prodittiv u jidher li hu l-każ li jingħata l-opportunita' sħiħa biex jimxi 'l quddiem. F'dan il-każ ikun aktar opportun li ma tingħatax piena karċerarja. Qed jingħad dan in linea mas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-11 ta' mejju, 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija v Marco Giordmaina". Għaldaqstant, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' "Probation Order" għal żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Servizz fil-Komunita' għal perjodu ta' mitejn u erbgħin (240) siegħa. Tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira maltin u ħamsin ċentesimu (Lm238.50) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------